**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 643/2012 AF**

**Central Mediterranean Development Corporation Limited (C-453)**

**vs**

**Francis u Frances mizzewgin Gauci**

**Josephine Farrugia**

**Josef Farrugia**

**Paul Farrugia**

**John David Farrugia u**

**d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetà Central Mediterranean Development Corporation Limited tat-22 ta’ Gunju, 2012, fejn jinghad illi:

Is-socjetà attrici akkwistat itterritorju kollhu maghruf bhala “Il-Wied ta' Ghajn Zejtuna" b'titolu ta' enfitewsi temporanja permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 9 ta' Novembru 1963, u dan minghand il-Katidral ta' Malta - Dok. C1;

Is-socjetà attrici kienet ttrasferiet b'titolu ta' subenfitewsi temporanju plot numru mija wiehed u tmenin (181) permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 27 ta' Marzu 1968, bll-kejl approsimattiv ta' hdax-il elf u sitta u tmenin (11,086) piedi kwadri - Dok. C2. Din il-plot giet mibjugha sussegwentement lil missier il-konvenuti Farrugia permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Franco Pellegrini datat 21 ta' Mejju 1973, bil-kejl ta' hdax-il elf u sitta u tmenin (11,086) piedi kwadri ossia elf disa u ghoxrin punt disa metri kwadri (1029.9) - Dok. C3. Meta din l-plot giet akkwistata minghand missier il-konvenuti Farrugia, din ma kienitx mibnija.

Minn naha l-ohra, s-socjetà attrici kienet ttrasferiet b'titolu ta' subenfitewsi temporanju plot numru mija disa u sebghin (179) permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino datat 24 ta' Settembru 1970, bil-kejl approsimattiv ta' tnax-il elf sitt mija tmienja u tletin (12,638) piedi kwadri, ossia elf mija erbgha u sebghin punt wiehed metri kwadri (1174.1) - Dok. C4. Wara diversi trasferimenti, din l-plot giet fl-ahhar mibjugha lil konvenuti Gauci permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Claire Camilleri datat 3 ta' Gunju 2009, bil-kejl approsimattiv ta' elf mija hamsa u sebghin metri kwadri (1175) - Dok. C5.

Permezz ta' sentenza li nghatat minn dawn l-Onorabbli Qrati, citazzjoni numru 1050/BO fl-ismijiet Valhmor Borg vs Saviour Farrugia, fil-kontumacja tal-konvenut Farrugia, gie deciz illi Farrugia kien ipossessa ruhu minn parti mill-art proprjetà ta'

Borg u li ghalhekk kienet saret invazzjoni tal-art - Dok. C6. Is-socjetà attrici ma kienetx parti ta' dawn il-proceduri.

Wara din is-sentenza, Saviour Farrugia ppropona kawza kontra s-socjetà attrici, citazzjoni numru 401/93 fl-ismijiet Saviour Farrugia vs Central Mediterranean Development Corporation Limited, fejn qieghed jitlob lil dawn il-qrati sabiex jigu llikwidati d-danni ghat-tehid ta' din il-bicca art - Dok. C7.

F'din is-sitwazzjoni kollha ghalhekk inqalghet il-kwistjoni dwar ir-regolamentazzjoni tal-konfini bejn il-plot 179 u l-plot 181, ghaliex kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza hemm anki rapporti teknici li huma konfligenti.

Jinghad li s-socjetà attrici tircievi hlas ta' sub-cens fuq kull plot liema hlas huwa bbazat fuq il-kejl ta' kull plot koncessa nkluz naturalment dawk tal-plots 179 u 181.

Il-konvenut Direttur tal-Ufficju Kongunt ghandu nteress guridiku f'dawn il-proceduri bhala direttarju tal-art *de quo*.

Is-socjetà attrici ghandha interess sabiex darba ghal dejjem tigi definita l-arja ta' fejn jispicca plot 179 u fejn ghalhekk jibda plot 181.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Jigu stabbiliti l-konfini veri u reali bejn il-proprjetajiet tal-konvenuti, jigifieri l-konfini bejn plot 179 u plot 181, permezz ta' pjanti, hitan jew marki fissi skond il-ligi u dan taht id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Josephine Farrugia, Josef Farrugia, Paul Farrugia u John David Farrugia, li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament, is-soprasessjoni ta' dina l-kawza pendenti l-ezitu tal-kawza l-ohra fl-ismijiet "Saviour Farrugia et – vs – Albert Mizzi nomine", c-citazzjoni numru 401/1993 JZM.

Il-konfuzjoni fil-kejl taz-zewg plots 179 u 181 f'Santa Marija Estate formanti parti mit-territorju tal-Wied Ghajn Zejtuna, l-Mellieha, giet kagjonata bil-kooperazzjoni tas-socjetà attrici ghax meta kienet giet imsejjha minn Saviour Farrugia, l-predecessur tal-esponenti, biex tiddifendi l-kejl tal-plot tieghu numru 181 din hadet pozizzjoni kontrih bir-rizultat illi huwa spicca b'kejl anqas milli kien effettivament akkwista. Ghalhekk abbazi tal-principju "selecta u via non datur recursus ad alteram" il-konfini issa ghandhom ikunu abbazi tal-pozizzjoni li kienet hadet is-sojcetà attrici f'proceduri gudizzjarji.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Francis u Frances mizzewgin Gauci, tat-8 t'Awissu, 2012, li in forza taghha eccepew illi:

In linea preliminari, izda minghajr pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni preliminari hawn taht sollevata, l-esponenti jeccepixxu bir-rispett illi s-socjetà attrici ma ghandhiex l-interess guridiku rikjest sabiex tressaq l-azzjoni odjerna, stante li si tratta ta' konfini bejn zewg plots illi, ex admissis, gew trasferiti mis-socjetà attrici lill-awturi tal-konvenuti odjerni - liema plots illum huma proprjetà u jinsabu fil-pussess esklussiv tal-konvenuti odjerni ghall-perjodu pattwit fil-koncessjoni originali. Ghalhekk la s-socjetà attrici u lanqas id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt ma ghandhom interess guridiku attwali f'dawn il-proceduri ghaliex il-konfini bejn il-plot 179 u l-plot 181 ghaz-zmien kollu li ghad fadal mill-koncessjoni enfitewtika temporanja jirrigwarda biss lill-konvenuti Farrugia u Gauci u lil hadd izjed. Oltre dan, u kif spjegat aktar dettaljatament aktar 'l isfel f'din ir-risposta, ma huwiex minnhu illi s-subcens pagabbli lis-socjetà attrici fir-rigward ta' kull wiehed mill-plots in kwistjoni hu bbazat fuq il-kejl tal-istess plots.

In linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti umilment jissollevaw l-ecccezzjoni ta' res judicata fir-rigward tal-meritu tat-talbiet attrici, u dana billi, kif spjegat aktar dettaljatament aktar 'l isfel f'din ir-risposta, kull kwistjoni dwar il-konfini bejn il-plot 179 u l-plot 181 gja' giet ampjament dibattuta u definittivament deciza f'xejn inqas minn

hames sentenzi fil-kawzi numri 1050/86, 833/92 u 401/93, tnejn minnhom moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell u ghalhekk finali, liema sentenza dejjem ikkonfermaw illi l-konfini bejn istess plots huwa dak stabbilit permezz tas-sentenza fil-kawza 1050/86.

Minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari hawn fuq sollevati u fir-rigward tal-meritu, it-talbiet attrici huma mhux biss infondati fil-fatt u fid-dritt, ghar-ragunijiet hawn esposti, izda talli huma wkoll frivoli u vessatorji, u xejn ghajr abbuz ta' proceduri da parti tas-socjetà attrici li qed jippruvaw jinqdew b'din l-azzjoni sabiex jaggiraw l-effetti ta' diversi sentenzi li ghaddew in gudikat.

Mhux ikkontestat li s-socjetà attrici akkwistat it-territorju kollu maghruf bhala "il-Wied ta' Ghajn Zejtuna" b'titolu ta' enfitewsi temporanja permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 9 ta' Novembru 1963 minghand il-Katidral ta' Malta.

Permezz tal-kuntratt datat sebgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa mija u tmienja u sittin (27/03/1968), is-socjetà attrici ttrasferit b'titolu ta' sub-enfitewsi temporanja l-plot immarkat bin-numru mija u wiehed u tmenin (181) fuq il-pjanta annessa bhala Schedule "X" mal-imsemmi kuntratt, liema pjanta is-socjetà attrici konvenjentement naqset milli tindika fir-rikors guramentat taghha kif ukoll naqset milli tipprezenta kopja taghha mal-imsemmi kuntratt ezebit bhala Dokument 'C2' mar-rikors guramentat attrici, minkejja illi l-istess pjanta tifforma parti integrali mill-istess kuntratt u dan presumibbilment sabiex l-istess attrici tittenta tahbi li dan it-trasferiment kien ta' entita specifika u mhux ad mensuram. Kopja shiha tal-imsemmi kuntratt bil-pjanta annessa, tinsab hawn ezebita bhala Dokument 'FGL'.

Permezz tal-kuntratt datat erbgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa mija u sebghin (24/09/1970), is-socjetà attrici ttrasferit b'titolu ta' sub-enfitewsi temporanja il-plot immarkat bin-numru mija u sebgha u disghin (179) fuq il-pjanta annessa bhala Schedule "X" mal-imsemmi kuntratt, liema pjanta ghal darb’ohra is-socjetà attrici konvenjentement naqset milli tindika fir-rikors guramentat kif ukoll naqset milli tipprezenta

kopja taghha mal-imsemmi kuntratt ezebit bhala Dokument 'C3' mar-rikors guramentat attrici, minkejja illi l-istess pjanta tifforma parti integrali mill-istess kuntratt u anke f'dan il-kaz presumibbilment sabiex l-istess attrici tittenta tahbi li dan it-trasferiment kien ta' entita specifika u mhux ad mensuram. Kopja shiha tal-imsemmi kuntratt bil-pjanta annessa, tinsab hawn ezebita bhala Dokument 'FG2'.

Huwa minnu li permezz tas-sentenza moghtija minn din l-Onor. Qorti wara c-citazzjoni numru 1050/86 fl-ismijiet "Valhmor Borg vs Saviour Farrugia" din l-Onor. Qorti sabet li l-konvenut Saviour Farrugia (awtur tal-konvenuti odjerni Farrugia) kien invada u kien qieghed jokkupa parti mill-plot 179 proprjetà tal-konjugi Valhmor u Michelina Borg (awturi tal-konvenuti odjerni Gauci) u ordnat lil Saviour Farrugia jirreintegra lill-konjugi Borg fil-pussess shih tal-proprjetà taghhom; madankollu s-socjetà attrici konvenjentement naqset milli semmi li:

(a) permezz ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu,1996 minn din l-Onor. Qorti wara c-citazzjoni numru 833/92 fl-ismijiet "Saviour Farrugia vs Valhmor Borg bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u martu Michelina sive Lina Borg; Perit Joseph Borg Costanzi; Alfred Darmenia; u Albert Mizzi u Brian Mizzi ghannom u in rapprezentanza tas-socjetà Central Mediterranean Development Corporation Limited ghall-interess li jista' jkolla", din l-Onor. Qorti cahdet it-talba tal-awtur tal-konvenuti odjerni Farrugia sabiex jigi dikjarat li kienet inghatat xhieda falza fil-kawza numru 1050/86.

(b) b'risposta ghall-appell ipprezentat minn Saviour Farrugia fil-kawza numru 833/92, is-socjetà attrici nnifisha mhux talli ma qablitx ma' Saviour Farrugia li s-sentenza fil-kawza numru 1050/86 kienet il-frott ta' xi qerq jew xhieda falza, izda talli, ghall-kuntrarju, l-istess socjetà attrici kienet issottomettiet illi s-sentenza appellata (cioè li sabet li ma kienx hemm xhieda falza fil-kawza numru 1050/86) kienet gusta u kienet timmerita konferma; u

(c) b'sentenza moghtija nhar is-27 ta' Frar 1998, l-Onor. Qorti tal-Appell cahdet l-appell ta' Saviour Farrugia fil-kawza numru 833/1992, b'mod li ghalhekk li s-sentenzi fiz-zewg kawzi numri

1050/86 u 833/92, illum jikkostitwixxu res judicata u jorbtu mhux biss lill-konvenuti odjerni Gauci u Farrugia bhala l-aventi kawza tal-partijiet f'dawk il-proceduri) izda wkoll lis-socjetà attrici innifisha li kienet parti fil-proceduri numru 833/92 fejn l-istess socjetà attrici iddefendiet il-validità tas-sentenza moghtija fil-kawza numru 1050/86.

Bl-istess mod u presumibbilment ghall-istess ragunijiet is-socjetà attrici konvenjentement regghet naqset milli tindika li c-citazzjoni numru 401/93 fl-ismijiet "Saviour Farrugia vs Central Mediterranean Development Corporation Limited" hija parzjalment deciza permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onor. Qorti nhar il-31 ta' Mejju tas-sena 2006, kif ukoll permezz ta' sentenza ohra moghtija minn din l-Onor. Qorti nhar it-28 ta'Novembru 2008 u ikkonfermata mill-Onor. Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, fejn is-socjetà attrici odjerna nstabet responsabbli ghad-danni subiti mill-konvenuti odjerni Farrugia inter alia peress illi gie ritenut illi "huwa inutili dak li qed jigi sottomess mill-appellant (jigifieri mis-socjetà attrici) dwar min bena qabel, ghax f'kull kaz, u a bazi tal-pjanti tal-Perit Degiorgio li kien ha hsieb il-"plotting" tal-plots f'Santa Marija Estate, il-kumpanija konvenuta jigifieri s-socjetà attrici) setghet biss tikkonferma dak li sabu l-periti u s-surveyor taghha kif xehdu fil-kawza 1050/86.  Jekk dan ma kienx isir kien juri inkonsistenza kbira da parti tal-istess socjetà appellanti (jigifieri s-socjetà attrici)."

Ghar-ragunijiet kollha premessi ghalhekk, huwa assolutament falz u inveritjier illi - kif qed jigi allegat mis-socjetà attrici - hemm xi kwistjoni dwar ir-regolamentazzjoni tal-konfini bejn il-plot 179 u l-plot 181.  Il-Qrati taghna, f'xejn inqas minn hames sentenzi fil-kawzi numri 1050/86 833/92 u 401/93, tnejn minnhom moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell u ghalhekk finali, dejjem iddecidew li l-konfini bein l-istess plots huma dawk stabbiliti permezz tas-sentenza fil-kawza numru 1050/86. Anke f'dan il-kaz, is-socjetà attrici naqset milli tghid li l-uniku rapport addottat minn dawn il-Qrati dwar il-kaz in materja kien dak tal-kompjant Perit Huntingford fil-kawza numru 1050 /86.

Lanqas ma hu minnu li l-hlas tas-sub-cens huwa ibbazat fuq il-kejl ta' kull plot kif allegat mis-socjetà attrici tant li [a) dan ma

jirrizultax mill-kuntratti relattivi u [b) fi kwalunkwe kaz l-allegazzjoni attrici lanqas ma treggi meta wiehed iqis illi, filwaqt li l-plot 181 (li skont it-tezi attrici fiha kejl approssimattiv ta' 11,086 piedi kwadri) ghandha sub-cens ta' tmienja u erbghin lira (Lm48) fis-sena, mill-banda l-ohra l-plot 179 (li skont it-tezi attrici fiha kejl ta' 12,638 piedi kwadri) ghandha sub-cens ta' sebgha u erbghin Liri Maltin (Lm47 fis-sena) - jigifieri dik il-plot illi, skont it-tezi tas-socjetà attrici fiha anqas kejl, effettivament hiia ggravata b'subcens oghla mill-plot l-iehor.

Ghar-ragunijiet kollha premessi, it-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu michuda in toto, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt fejn kien eccepit illi:

F'dak li jirrigwardja l-mertu ta' din il-kawza, l-Ufficcju Kongunt m'ghandu l-ebda oggezzjoni la ghall-qasma u lanqas ghad-delineament tal-plots mertu ta' din il-kawza, sakemm din il-qasma ssir skont il-kejl u s-superfici stabbiliti fil-kuntratt tat-trasferiment tal-proprjetajiet in kwistjoni.

Id-Direttur tal-ufficcju Kongunt qieghed jiehu din il-prozizzjoni sakemm hadd mill-intimati l-ohra f'din il-kawza ma jigi assenjat art aktar milli ghandu stabbilit fil-kuntratt tal-akkwist tieghu, u bl-intiza li c-cens dovut lill-Ufficcju Kongunt jibqa' jithallas pro rata skond id-delineament ta' kull proprjetà.

Di più jidher li din il-kawza nfethet minghajr l-Ufficcju Kongunt qatt ma gie interpellat jew b'xi mod avzat li s-socjetà attrici qua utilista kienet qieghda tikkontempla dan it-tip ta' azzjoni. L-esponent jidhirlu illi s-socjetà attrici missha l-ewwel avvicinatu u infurmatu li kienet qeghda tikkontempla tali azzjoni qabel ma nfethet il-kawza.

L-esponent jidhirlu li dawn il-fatturi ghandhom jitqiesu mill-Qorti meta din tigi biex tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-24 ta' Jannar,2013, fejn l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, filwaqt li l-intimati Gauci talbu li jigu allegati l-atti tal-proceduri Numru 1050/86 fl-ismijiet Valhmor Borg v. Saviour Farrugia; 833/92 fl-ismijiet Saviour Farrugia v. Valhmor Borg et u 401/93 fl-ismijiet Saviour Farrugia v. Central Mediterranean Corporation.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti fl-istess seduta fejn laqghet it-talba tal-konvenuti Gauci, fis-sens li gew allegati l-atti ta' dawk il-proceduri definittivament decizi u jigu prodotti kopji ta' dawk il-proceduri li ghadhom pendenti.

Rat in-nota ta' Francis Gauci li permezz taghha pprezenta kopja legali tal-atti tal-proceduri 1050/86 u 401/1993, sabiex iservu ta' prova f'din il-kawza.

Rat in-nota tal-konvenuti Francis u Frances Gauci li permezz taghha esebew kopja tar-rapport finali tal-periti addizzjonali fl-atti tar-rikors 736/1998 SM fl-ismijiet Valhmor Borg et v. Saviour Farrugia et.

Rat in-nota tas-socjetà attrici li permezz taghha esebiet kopji tal-ircevuti ghall-hlas tas-subcens relattiv ghall-plots 179, 178/180 u 181 rispettivament.

Rat il-verbal tat-22 t'April, 2015, li permezz tieghu l-kawza thalliet sabiex jigu ttrattati l-ewwel zewg eccezzjonijiet dwar l-interess guridiku u *res judicata*.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, s-socjetà attrici qeghda titlob li jigu stabbiliti l-konfini veri u reali bejn il-proprjetajiet tal-konvenuti Gauci u Farrugia, jigifieri bejn il-plot 179 u plot 181, permezz tal-pjani, hitan jew marki fissi skond il-ligi u dan taht direzzjoni ta' perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop.

Da parti taghhom, il-konvenuti kollha ressqu numru ta' eccezzjonijiet biex jilqghu ghall-pretensjonijiet attrici, fosthom dawk ta' natura preliminari.

Minn ezami tal-provi rizultanti mill-atti, jinstiltu s-segwenti fatti:

- Kuntratt datat 9 ta' Novembru, 1963, fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, fejn il-Katidral tal-Knisja ta' Malta tat b'cens temporanju ghal mija u hamsin sena, art tal-kejl ta' 566 tomna t'art maghrufa bhala "Il-Wied ta' Ghajn Zejtuna" fil-Mellieha, lis-socjetà attrici - (Dok. C1).

- Kuntratt datat 27 ta' Marzu, 1968, fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, fejn is-socjetà attrici tat lil James Fleming il-plot numru 181 immarkata fuq il-pjanta "X" tal-kejl ta' 11,086 piedi kwadri formanti parti mit-territorju maghruf bhala "Il-Wied ta' Ghajn Zejtuna" fil-Mellieha, b'sub-cens, ghaz-zmien li fadal minn 150 sena li beda jiddekorri mid-9 ta' Novembru, 1963 – (Dok. C2).

- Kuntratt datat 2 ta' Mejju, 1973, fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini, fejn Reginald Demarco deher ghal James Fleming sabiex inbieghet l-istess plot 181, permezz tal-ahhar imsemmi kuntratt, lil Saviour Farrugia. Fuq l-istess kuntratt deher ukoll rapprezentant tas-socjetà attrici, fejn apparti li gie rikonoxxut l-akkwirent Farrugia bhala s-subenfitewta l-gdid, gew emendati wkoll xi klawsoli mill-kuntratt precedenti – (Dok. C3).

- Kuntratt datat 24 ta' Settembru, 1970, fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, fejn is-socjetà attrici bieghet il-plot numru 179 immarkata fuq il-pjanta "X" tal-kejl ta' 12,638 piedi kwadri formanti parti mit-territorju maghruf bhala "Il-Wied ta' Ghajn Zejtuna" fil-Mellieha, b'sub-cens, ghaz-zmien li fadal minn 150 sena li beda jiddekorri mid-9 ta' Novembru, 1963, lil Douglas Hills – (Dok. C4).

- Kuntratt datat 3 ta' Gunju, 2009, fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri li permezz tieghu, Yvette Chetcuti, ittrasferiet b'titolu ta' sub-utile dominium, id-dar minghajr numru bl-

isem ta' "Yvette" mibnija fuq il-plot numru 179, tal-kejl ta' 1,175 metri kwadri, u l-plot 180 A tal-kejl ta' 1,389.327 metri kwadri, fil-Wied ta' Ghajn Zejtuna, l-Mellieha, lil Frances Gauci ghaz-zmien li fadal minn 150 sena li beda jiddekorri mid-9 ta' Novembru, 1963. Fl-ahhar ta' dan il-kuntratt, jinghad illi l-venditrici kienet akkwistat il-plot 179 minghand Sewefi Abdel Sewefi, inkluz id-drittijiet litigjuzi li Sewefi kellu fil-konfront tas-sid tal-plot numru 181. Sewefi kien akkwista din il-plot 179 minghand Valhmor u Michelina sive Lina Borg. Borg kienu akkwistaw il-plot numru 179 minghand Thomas Abela, permezz ta' kuntratt, fejn gie dikjarat li s-sid tal-plot 181 seta' inkorpora fil-proprjetà tieghu, parti mill-plot 179. Thomas Abela assenja lil Michelina Borg id-drittijiet kollha li kellu fil-konfront ta' sid il-plot 181. Filwaqt li l-venditrici Yvette Chetcuti assenjat lill-akkwirenti, d-drittijiet kollha, nkluzi dawk litigjuzi, assenjati lilha minn Sewefi, fil-konfront tas-sid il-plot 181 – (Dok. C5).

- Sentenza li ggib referenza 1050/86, li nghatat minn din il-Qorti, diversament preseduta, fil-5 t'April,1991, bejn Valhmor Borg u Michelina sive Lina Borg (ante causa tal-konvenuti Gauci) u Saviour Farrugia (ante causa tal-konvenuti Farrugia). Fil-kontumacja tal-konvenut Farrugia, l-Qorti laqghet it-talbiet tal-atturi Borg, fis-sens li ddikjarat li l-konvenut Farrugia nvada u okkupa parti mill-plot 179 u kkundannatu jirreintegra lill-atturi fil-pussess shih tal-proprjetà taghhom fi zmien sitt xhur, sabiex jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega taht id-direzzjoni tal-perit Joseph Huntingford. In difett, l-atturi Borg gew awtorizzati mill-Qorti, jaghmlu huma x-xoghol mehtieg, bi spejjez tal-konvenut, taht id-direzzjoni tal-istess perit Huntingford nominat mill-Qorti – (Dok. C6).

- Att tac-citazzjoni li ggib referenza 401/93 f'liema kawza, Saviour Farrugia fittex lis-socjetà attrici sabiex (i) tillikwida dik il-parti tal-prezz li trid tintradd lura; (ii)tillikwida l-ispejjez u d-danni li sofra l-attur minhabba l-evizzjoni ordnata mill-Qorti; u (iii) tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat – (Dok. C7).

Fir-risposta guramentata ta' Francis u Frances konjugi Gauci, jitressqu zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari. Taht l-ewwel eccezzjoni jinghad, illi s-socjetà attrici m'ghandhiex l-interess guridiku biex tressaq l-azzjoni odjerna stante li si tratta ta' konfini bejn zewg plots li gew trasferiti lill-awturi tal-konvenuti odjerni. Jigi argumentat li jonqos l-interess guridiku attwali fis-socjetà attrici, peress li l-konfini bejn il-plots 179 u 181, ghaz-zmien li ghad fadal mill-koncessjoni enfitewtika, tirrigwarda biss lill-konvenuti Farrugia u Gauci.

Jinsab assodat fil-gurisprudenza taghna illi:

> "*In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt giudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta' l-azzjoni* "(Vol. XX XVII. II. 608); *u" r-rekwizit ta' l-interess hu ndispensabbli ghall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' gurisdizzjoni kontenzjuza"* (Vol. XXVII. I. 507). *"L-interess hu l-bazi ta' l-azzjoni"* (Vol. XXIX. I. 891); *"u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess"* (Vol. XXX. I. 317). *"L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultament vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. U l-interess irid ikun ga twieled u jrid ikun attwali, biex jiggustifika l-azzjoni* "(Vol. XXXIII. I. 108; VOL. XXXVII. I. 57; XXXVII. II. 608). *"Biex wieħed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn illi jkollu nteress fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utili; liema nteress irid ikun legittimu u konkret"* (Vol. XXVIII. II. 317)" (Appell: **Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana**: 3.12.1984; Vol. LXVIII. II. 233).

Fid-dawl tal-fuq esposti konsiderazzjonijiet, certament jirrizulta l-interess guridiku tas-socjetà attrici. Mad-daqqa t'ghajn jista' jidher li ma hemm ebda rabta kontrattwali bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti Gauci peress li l-konvenuti Gauci akkwistaw s-subutile dominju temporanju minghand terzi minghajr ma s-socjetà attrici ppartecipat fil-kuntratt. Izda jigi osservat illi mill-ircevuti esebiti mis-socjetà attrici, jirrizulta li l-konvenut Francis Gauci, qieghed ihallas ic-cens direttament lis-

socjetà attrici[1]. Bil-hlas tac-cens da parti ta' Gauci direttament lis-socjeta' attrici li accettatu, kif jidher mill-imsemmija rcevuti ta' cens esebiti, sar ir-rikonoxximent implicitu tas-subutilista l-gdid u b'hekk hemm relazzjoni guridika diretta bejn il-partijiet.[2]

In materja ta' dritt jinghad illi r-relazzjoni guridika bejn id-dominus u s-subenfitewta tezisti anki b'mod indirett fil-kuntratti, anke meta ma hemmx rikonoxximent tas-subenfitewta mid-dominus, peress li l-artikolu 1509 stess jipprovdi illi minkejja li ma jkunx sar rikonoxximent, is-subenfitewta hu responsabbli lejn id-dominus ghal hlas tac-cens u hsara ghal perjodu li l-istess subenfitewta jkollu fil-pussess tieghu l-fond.[3]

Fil-kaz ta' Saviour Farrugia, ante causa tal-konvenuti Farrugia, jinghad ukoll li r-rikonoxximent tieghu bhala subenfitewta sar mis-socjetà attrici b'mod dirett fuq il-kuntratt li sar fit-2 ta' Mejju, 1973, fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini, jigifieri altru li hemm relazzjoni guridika diretta bejn dawn il-partijiet koncernati.

Illi fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju wkoll li l-istess socjeta' attrici ghandha l-interess guridiku li tressaq 'il quddiem din il-kawza, peress li hija qed taghmel dan sabiex hija tittutela l-interessi taghha u d-drittijiet taghha fuq l-imsemmija artijiet u bini tal-konvenuti, u mir-rizultanzi tal-provi gie determinat, fil-fehma tal-Qorti, li dan id-dritt allegat tas-socjeta' attrici realment u legalment jezisti u ghadu veljanti sa llum.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Gauci, peress li ma tirrizultax bhala misthoqqa, ma timmeritax li tintlaqa'.

---

[1] Ara Dok. AMB 2 esebit a fol. 153 *et seq* tal-process.

[2] Ara artikolu 1512 tal-Kodici Civili u **John Cutajar v. Peter Aquilina et,** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Gunju, 2001.

[3] Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Central Mediterranean Development Corporation Limited v. Joseph Camilleri,** deciza fl-4 t'Ottubru, 2011.

Dwar it-tieni eccezzjoni, u cioè dik ta' '*res judicata*', il-Qorti qieset illi permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' April, 1991, li ggib referenza 1050/86, bejn il-konjugi Borg (ante causa tal-konvenuti Gauci) u Saviour Farrugia (ante causa tal-konvenuti Farrugia), fil-kontumacja tal-konvenut Farrugia, l-Qorti laqghet it-talbiet tal-atturi Borg, fis-sens li ddikjarat li l-konvenut Farrugia nvada u okkupa parti mill-plot 179 u kkundannatu jirreintegra lill-atturi fil-pussess shih tal-proprjetà taghhom fi zmien sitt xhur, kif ukoll sabiex jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega taht id-direzzjoni tal-perit appuntat mill-Qorti.

Din is-sentenza kienet segwita bi proceduri (833/92) li saru minn Saviour Farrugia fil-konfront tal-konjugi Borg u s-socjetà attrici, fost ohrajn, fejn kienet qeghda tintalab dikjarazzjoni li nghatat xhieda falza fil-proceduri li jgibu referenza 1050/86. Il-Prim'Awla kienet cahdet it-talbiet attrici permezz ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu, 1996, stante li s-sentenza li nghatat fil-proceduri 1050/86, ma kenitx frott ta' xi qerq jew xhieda falza.  Din is-sentenza kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell, fis-27 ta' Frar, 1998.  Il-konvenuti Gauci jargumentaw li dawn iz-zewg sentenzi jikkostitwixxu res judicata u jorbtu mhux biss lill-konvenuti Farrugia u Gauci, izda lis-socjetà attrici wkoll, peress li fil-kawza 833/92, hija ddefendiet il-validità tas-sentenza moghtija fil-kawza 1050/86.

Permezz ta' proceduri ohra, din id-darba jgibu referenza 401/93, Saviour Farrugia fittex lis-socjetà attrici sabiex taghmel tajjeb ghall-evizzjoni li sofra permezz ta'

(i) likwidazzjoni ta' dik il-parti tal-prezz li trid tintradd lura lilu;

(ii) likwidazzjoni tal-ispejjez u d-danni li sofra minhabba l-imsemmija evizzjoni ordnata mill-Qorti; u

(iii) kundanna tas-socjetà konvenuta sabiex thallsu l-ammont hekk likwidat.

Din il-Qorti, diversament preseduta, permezz tas-sentenza taghha tat-28 ta' Novembru, 2008, filwaqt li cahdet l-ewwel

eccezzjoni tas-socjetà konvenuta, u wara li ezaminat il-provvediment tal-artikolu 1422 tal-Kodici Civili, fid-dawl tal-provi lilha rizultanti ddikjarat:

> *"Illi l-Qorti ezaminat il-process tal-kawza citaz. Nru. 1050/86 u ghalkemm huwa minnu li l-attur kien kontumaci f'dawk il-proceduri, l-istess socjetà konvenuta <u>ma gabet ebda prova</u> quddiem din il-Qorti li bihom uriet kif hi setghet skansat l-evizzjoni in kwistjoni."*

Il-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar, 2011, wara li ezaminat il-provi processwali, ikkonfermat li hija kienet tal-istess fehma bhall-ewwel Qorti u filwaqt li cahdet l-appell tas-socjetà konvenuta, baghtet l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u determinazzjoni tal-kumpens kif inghad fis-sentenza appellata.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, fis-26 ta' Mejju, 2016, inghatat ukoll sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta, fil-proceduri li jgibu referenza 401/93, fejn is-socjetà attrici, konvenuta f'dik il-kawza, giet ikkundannata thallas is-successuri fit-titolu ta' Saviour Farrugia, is-somma komplessiva ta' €379,269, rapprezentanti kemm is-somma li ghandha tintradd lura bhala parti mill-prezz tas-subutile dominju temporanju fuq il-plot 181, kif ukoll spejjez u danni sofferti konsegwenza tal-evizzjoni minn fuq l-imsemmija art. Dan wara li gie mahtur perit tekniku li ghamel stima tal-istess plot u wara li gie kkonstatat li l-istess plot illum ghandha 36.6 % inqas mill-arja superficjali hekk kif indikata fil-kuntratt t'akkwist, kif ukoll li bil-parti nieqsa, l-art rimanenti ma baqghetx fabbrikabbli fiz-zona ta' Santa Marija Estate, u saret biss art agrikola. Din is-sentenza tinsab ukoll appellata.

Inoltrè gie esebit ukoll fl-atti ta' din il-kawza, r-rapport finali tal-periti addizzjonali fl-atti tar-rikors 736/98. Permezz ta' dawk l-imsemmija proceduri, Borg u eventwalment Francis Gauci bhala successur fit-titolu ta' Borg, talbu li tigi ravvivata s-sentenza fl-ismijiet Valhmor Borg et v. Saviour Farrugia, Citazzjoni Numru 1050/86 deciza mill-Prim'Awla fil-5 t'April, 1991, li ghaddiet in gudikat, u dan ai termini tal-artikolu 258 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut Farrugia

ressaq numru t'eccezzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti sabiex tahtar esperti taghha sabiex tiddetermina:

(a) Liema huma l-konfini mertu tal-kawza naxxenti mis-sentenza 1050/86 deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Jannar, 1991;
(b) Tikkonferma li r-rikorrent ghadu ma giex reintegrat fil-pussess tal-art invaza u biex jigi stabbilit permezz ta' pjanta liema parti mill-art indikata fil-paragrafu numru (1) giet reintegrata fil-pussess tar-rikorrenti.

B'digriet tat-22 t'April, 2009, is-socjetà Central Mediterranean Developments Corporation Limited, thalliet tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.* Fil-mori ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti diversament preseduta, fit-28 ta' Jannar, 2015 iddecidiet dawk il-proceduri billi laqghet it-talbiet tar-rikorrenti li tigi riattivata s-sentenza datata 5 t'April, 1991, fl-ismijiet Valhmor Borg et v. Saviour Farrugia, Citazzjoni Numru 1050/86 u innominat lill-perit arkitett Marielouise Musumeci biex tissorvelja x-xoghlijiet ta' demolizzjoni u reintegrazzjoni ordnata b'dik is-sentenza.

Dik il-Qorti waslet ghall-imsemmija konkluzjoni wara li sar survey u l-periti addizzjonali ikkonkludew hekk:

*"A. Illi l-konfini tal-plots meritu ta' din il-kawza, prezentement huma hekk kif indikati fid-dokument B1[4] u deskritti hawn:*

*Plot. 179: 3028.93 sqm (indikata b'linja hamra fuq pjanta allegata DOK B1);*
*Plot. 181: 890.47 sqm (indikata b'linja hadra fuq pjanta allegata DOK B1).*

*B. Illi meta saret is-sovraimposizzjoni superimposition tad-dokument AD li fuqha hi bazata is-sentenza fil-kawza Citazzjoni Nru 1050/86, u partikolarment tal-art immarkata mill-Qorti ABCD, fuq is-survey li ttiehed fi Frar 2013, irrizulta li porzjon mill-art kien diga dahal fil-plot tar-*

[4] Esebita a fol. 141 tal-process

*rikorrent (indikat bl-isfar f'Dokument B1 fuq il-pjanta intitolata 'Portion ABCD as per Doc AD')*

*C. Illi minn din is-sovraimposizzjoni (superimposition) però irrizulta li baqa' porzjon ta' art (indikata bil-blue f'Dokument B1 fuq il-pjanta intitolata 'Portion ABCD as per Doc AD') ta' kejl komplessiv ta' 229.4 sqm li ghad trid tinghata lura mill-intimat lir-rikorrent. F'din il-porzjon ta' art, prezentement hemm parti mill-binja tal-villa ta' plot 181. Ghalhekk prezumibilment din il-binja ser ikollha tinhatt qabel ma jsir dan it-trasferiment ta' art.*

*D. Illi wara li tinghata din il-porzjon ta' art kif imsemmi f'paragrafu B, jirrizulta li z-zewg plots ikunu mqassmin hekk kif murija fil-pjanta Dokument B2*[5]*. Il-kejl komplessiv ta' dawn iz-zewg plots wara dan it-trasferiment jirrizulta b'dan il-mod:*

*Plot. 179: 3258.3 sqm (indikata bl-ahmar fuq pjanta allegata DOK B2);*
*Plot. 181: 661 sqm (indikata bl-ahdar fuq pjanta allegata DOK B2)."*

*…Illi rinfaccati b'sentenza li hi "res judicata" ftit jista' jsir sabiex jigi sanat zball jekk kien hemm wiehed. …*

*Illi jekk hemm dokumenti ohra jew fatti ohra li huma jew setghu kienu rilevanti allura l-intimat setgha ipproceda b'mezzi ohra – bhal per ezempju bl-istitut tar-ritrattazzjoni. Ma jistax l-intimat juza dawn il-proceduri sabiex jattakka is-sentenza li taghha r-rikorrent qed ifittex l-ezekuzzjoni."*

Ghandu jinghad, li din l-ahhar sentenza wkoll tinsab appellata.

In tema legali jigi osservat li, meta l-Qorti tigi biex tezamina l-eccezzjoni ta' *res judicata,* kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tal-14 ta' Novembru, 2007, fl-ismijiet Martin Gauci et v. K.M.L. Manufacturing Limited:

[5] Esebita a fol. 142 tal-process

*"Ma jidhirx li huwa inopportun li jigi dejjem imfakkar illi l-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija strictissimae interpretationis. Tant illi, kif jissokta jinghad, b'citazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Palermo (3 ta' Marzu 1898), "la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argomenti più o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata". Ara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, tal-5 ta' Novembru 1934 in re: "Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et", mil-liema din is-silta hi mehuda. Taghlim dan ri-affermat b' approvazzjoni fis-sentenza ta' l-istess Qorti tal-5 ta' Ottubru, 1992 fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Jose` Herrera nomine -vs- Anthony Cassar et nomine."*

Dan minhabba l-eccezzjonalità taghha li xxellef il-principju li l-gudikat jaghmel stat ghal kull effett ta' ligi bejn il-partijiet.

F'materja ta' gudikat sabiex jigi determinat jekk dan kienx jezisti f'gudizzju precedenti jehtieg li jigu sodisfatti tliet rekwiziti oggettivi li jridu jikkonkorru:-

(i) *eadem res*, jigifieri l-identita ta' l-oggett tal-gudizzju;

(ii) *eadem causa petendi*, jigifieri l-fatt guridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat;

(iii) *eadem personae*, jigifieri, li l-gudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalità.

Rigward l-*eadem res,* din timplika li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk wiehed ghandu jezamina jekk il-pretensjonijiet imressqa permezz ta' l-azzjoni attrici gewx decizi jew le minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat.

Meta wiehed jara t-talbiet attrici f'din il-kawza u jqabbilhom ma dawk fl-azzjoni li ggib referenza 1050/1986 wiehed jara li filwaqt li t-talbiet f'dik il-kawza kienu ghal dikjarazzjoni ta'

invazjoni tal-plot 179, u sabiex l-atturi f'dik il-kawza jigu re-integrati fil-pussess tal-parti okkupata, mat-talbiet fil-kaz odjern fejn qieghed jintalab li jigu stabbiliti l-konfini bejn il-plot 179 u plot 181, ma jintebahx mal-ewwel dwar is-similitudni. Madanakollu jekk wiehed jara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-5 t'April,1991, fis-sens li dik il-Qorti ddikjarat li l-konvenut Farrugia nvada u okkupa parti mill-plot 179 indikata ABCD fil-pjanta dokument AD u kkundannatu jirreintegra lill-atturi fil-pussess shih tal-proprjetà taghhom fi zmien sitt xhur, sabiex jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega, wiehed mal-ewwel jinduna li l-konfini taz-zewg plots, ilhom determinati permezz tal-imsemmija sentenza tal-1991. Ghalhekk jirrizulta li t-talba fil-kawza odjerna tinsab determinata fl-imsemmija sentenza tal-1991, li ghaddiet in gudikat.

Rigward l-*eadem causa petendi*, jigifieri l-fatt guridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat jinghad li meta z-zewg gudizzji ghandhom l-oggett taghhom l-istess rapport guridiku, ir-rizoluzzjoni ta' fatt jew ta' dritt kostitwenti l-premessa guridika tad-decizjoni ta' wahda minnhom tipprekludi r-riezami fil-process l-iehor tal-istess punt accertat jew rizolut[6]. F'dan il-kaz, m'hemmx dubju li d-dritt reklamat fiz-zewg kawzi jitwieldu mill-istess fatt guridiku, ossia il-kuntratti li permezz taghhom il-konvenuti f'din il-kawza Gauci u Farrugia, jew ahjar il-predecessuri taghhom fit-titolu, akkwistaw il-plots 179 u 181 rispettivament minghand is-socjetà attrici f'din il-kawza.

L-ahhar element huwa dak ta' l-*eadem personae*, jigifieri, li l-gudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalita'. Fuq dan l-ahhar punt iqumu dubji peress li l-partijiet fil-kawza 1050/1986, kienu l-konjugi Borg (predecessur fit-titolu tal-konjugi Gauci, konvenuti f'din il-kawza) u Saviour Farrugia (predecessur fit-titolu tal-konvenuti Farrugia f'din il-kawza). Is-socjetà attrici f'din il-kawza Central Mediterranean Developments Limited u d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt ma kenux parti f'dik il-kawza. Il-konjugi Gauci jittantaw jargumentaw illi ghalkemm is-socjetà attrici ma kenitx parti f'dawk il-proceduri, izda li s-socjetà attrici wkoll hija marbuta

[6] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tal-14 ta' Novembru, 2007, fl-ismijiet **Martin Gauci et v. K.M.L. Manufacturing Limited**

bl-effett tal-gudikat, peress li fil-kawza 833/92, hija ddefendiet il-validità tas-sentenza moghtija fil-kawza 1050/86.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament peress li fl-ewwel lok, is-sentenza li nghatat fil-kawza 1050/86, ma tistax tifforma stat fil-konfront tas-socjetà attrici u dan fuq il-bazi tal-principju *alios acta vel judicata aliis nec nocere nec prodesse potest.* Il-qafas legali ta' dan il-principju jinstab fl-artikolu 237 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad:

> *"Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentanti legittimi tieghu* ***ma jkunx parti*** *fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza."*

Isegwi li s-sentenza 1050/86 li nghatat fl-1991, ma jista' qatt ikollha l-effett ta' gudikat fil-konfront tas-socjetà attrici proprju peress li dak il-gudizzju huwa *res inter alios judicata* fil-konfront taghha. Ladarba s-socjetà attrici ma kenitx legalment parti f'dak il-gudizzju u lanqas interveniet jew iddahhlet fil-proceduri, b'mod li dik id-decizjoni l-ohra ghandha titqies guridikament vinkolanti fuqha, ma jistax jinghad li dik is-sentenza tikkostitwixxi *res judicata* fil-konfront taghha. Jinghad dottrinalment illi:

> *"il giudicato è legge fra i contendenti come fra contraenti la convenzione bilaterale; tutto il resto del mondo vi è estraneo, non formando questo rapporto giuridico che un 'jus singolare' fra determinate persone." (***Borsari, "Commentario del Codice Civile Italiano",** Vol. Terzo, Parte Seconda, para. 3325).

Inoltree, l-kawza 833/92, kienet titratta mertu differenti in kwantu kienet azzjoni ittantata minn Saviour Farrugia sabiex jigi dikjarat li nghatat xhieda falza fil-proceduri li jgibu referenza 1050/86, liema talba kienet michuda, stante li kien ritenut li s-sentenza li nghatat fil-proceduri 1050/86, ma kenitx frott ta' xi qerq jew xhieda falza. Izda aktar minn hekk iz-zewg kawzi l-ohra li segwew u li fihom kienet involuta s-socjetà attrici, senjatament 401/1993 u 736/1998 jinsabu t-tnejn appellati u ghalhekk ma jistax jinghad li dawn l-ahhar zewg

proceduri ghandhom l-effett ta' gudikat fil-konfront tas-socjetà attrici. Dan jinghad b'mod partikolari ghas-sentenza 736/1998, li fiha intalab li jigi ravvivat it-titolu ezekuttiv 1050/1986. Ghalkemm is-socjetà attrici interveniet f'dawk il-proceduri, izda peress li s-sentenza tinsab appellata, ma jistax jinghad li ghaddiet in gudikat, stante li f'dan l-istadju, mhix wahda finali.

Ghalhekk lanqas din it-tieni eccezzjoni preliminari, ma timmerita li tintlaqa' u konsegwentement ser tigi michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Gauci, tordna li jitkompla s-smigh fil-mertu tal-proceduri odjerni.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG